

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1306/2008**tas-17 ta' Diċembru 2008****li jiffissa l-prezzijiet Komunitarji tal-bejgħ ta' prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 għas-sena tas-sajd 2009**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1) u (6) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-prezz tal-bejgħ tal-Komunità għandu jiġi ffixxat għal kull wieħed mill-prodotti elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 qabel il-bidu tas-sena tas-sajd, f'livell talanqas ugwali għas-70 % u li ma jaqbiżx id-90 % tal-prezz ta' gwida.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1299/2008 ⁽²⁾ jiffissa prezzijiet ta' gwida għas-sena tas-sajd 2009 għall-prodotti kollha kkonċernati.
- (3) Il-prezzijiet tas-suq ivarjaw konsiderevolment skont l-ispeċi u kif ikunu ppreżentati l-prodotti, partikolarment fil-każ tal-klamar u tal-marlozz.

(4) Il-fatturi tal-konverżjoni għandhom għalhekk ikunu ffixxati għall-ispeċijiet differenti u l-preżentazzjonijiet tal-prodotti ffriżati li jinsabu fil-Komunità sabiex ikun stabbilit il-livell tal-prezz li jibda l-miżura ta' intervent previst fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000.

(5) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prezzijiet tal-bejgħ tal-Komunità, kif imsemmi fl-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, applikabbli matul is-sena tas-sajd 2009 għall-prodotti elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament u l-preżentazzjonijiet u l-fatturi ta' konverżjoni li jirrelataw għalihom huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Joe BORG

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.

⁽²⁾ Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ANNEX

Prezzijiet tal-bejgħ u fatturi tal-konverżjoni

Speċijiet	Preżentazzjoni	Fattur ta' konverżjoni	Livell ta' intervent	Prezz tal-bejgħ (Eur/tunellata)
Ħalibatt ta' Greenland (<i>Reinhardtius hippoglossoides</i>)	Shih jew imnaddaf, bir-ras jew mingħajrha	1,0	0,85	1 662
Marlozz (<i>Merluccius</i> spp.)	Shih jew imnaddaf, bir-ras jew mingħajrha	1,0	0,85	1 017
	Fletti individwali			
	— bil-ġilda	1,0	0,85	1 261
	— bla ġilda	1,1	0,85	1 387
Sparidae (<i>Dentex dentex</i> u <i>Pagellus</i> spp.)	Shih jew imnaddaf, bir-ras jew mingħajrha	1,0	0,85	1 321
Pixxispad (<i>Xiphias gladius</i>)	Shih jew imnaddaf, bir-ras jew mingħajrha	1,0	0,85	3 398
Gambli <i>Penaeidae</i>	Iffriżat			
(a) <i>Parapenaeus Longirostris</i>		1,0	0,85	3 427
(b) <i>Penaeidae</i> oħrajn		1,0	0,85	6 712
Siċċ (<i>Sepia officinalis</i> , <i>Rossia macrosoma</i> u <i>Sepiola rondeletti</i>)	Iffriżat	1,0	0,85	1 661
Klamari (<i>Loligo</i> spp.)				
(a) <i>Loligo patagonica</i>	— sħaħ, mhux imnaddfa	1,00	0,85	1 023
	— imnaddfa	1,20	0,85	1 227
(b) <i>Loligo vulgaris</i>	— sħaħ, mhux imnaddfa	2,50	0,85	2 556
	— imnaddfa	2,90	0,85	2 965
Qarnit (<i>Octopus</i> spp.)	Iffriżat	1,00	0,85	1 856
<i>Illex argentinus</i>	— sħaħ, mhux imnaddfa	1,00	0,80	695
	— tubu	1,70	0,80	1 182

Forom ta' preżentazzjoni kummerċjali:

sħaħ, mhux imnaddfa: prodott li ma għadha minn ebda trattament

imnaddaf: prodott li għallinqas ikun tnaddaf

tubu: ġisem ta' klamar li għallinqas ikun imnaddaf u tneħħietlu r-ras